Apprezzament

# ANTHONY GRECH



Hafna kienu jsibuh bħala Toni Grech, u meta ssibu ġewwa l-knisja dejjem b'xi biċċa xogħol f'idejh. Anthony Grech ħalla din id-dinja nhar l-10 ta' Diċembru 2004.

Min jattendi spiss għall-quddies u funzjonijiet ċelebrati matul is-sena żgur li jiftakar lil Toni fil-ħruġ tal-quddiesa bis-salib fuq quddiem tal-purċissjoni. Toni baqa' jagħmel dan sakemm saħħtu ppermettiet. Iżda Toni ma kienx jieqaf hemm biss, ma kienx iħalli xi kandlier jew ċensier b'xi biċċa mtajra għax dlonk tarah jerħilha għad-dar biswit il-knisja jsaħħan is-saldatur u jsewwi dak kollu li kien jiġi għal idejh. Wieħed jista' jgħid li Toni kien dilettant tal-festi interni, però kien ukoll dilettant ta' l-arkitettura u pittura b'mod speċjali dik li tirrigwardja l-knejjes. Sikwit kien jagħmel mawriet madwar il-knejjes ta' Malta sabiex jammira dak kollu li għandha x'toffri l-kultura Maltija u għal bosta drabi għamel anke mawriet barra minn xtutna fejn ma kienx ifalli knisja jew katidral.

Toni kien ħaddiem fit-Tarzna ta' Bormla fejn għal bosta snin ħadem bħala skrivan mal-*boilermakers* u meta fil-bidu tas-Snin Tmenin spiċċa bil-pensjoni ma kellux sfog ħlief fil-knisja u l-futbol. Iżda l-akbar ġawhra li kellu għal qalbu Toni ma kinitx ħlief l-istatwa titulari, ix-xbieha ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni. Hekk kif toqrob il-festa kien jibda l-preparamenti. Hafna forsi ma jafux li Toni kien dak il-bniedem li kien ilibbes il-vara bid-deheb u l-fidda u ornamenti oħra bi preparazzjoni għall-purċissjoni.

Għadni niftakru hekk kif jitla' fuq il-pulptu u jiġi wiċċ ma' wiċċ mal-vara, ma kinitx tonqos dik id-demgħa minn għajnejh u dik il-bewsa żgħira u ġenwina. B'delikatezza kbira kien jibda jiftaħ l-*envelopes* immarkati sebgħa sebgħa u jibda jlibbes il-vara biċ-ċrieket, ġiżirajjen u ċpiepet. Kienet l-aktar ħaġa importanti għalih tant hu hekk li l-aħħar darba li libbes il-vara fl-2003 ma kienx f'siktu imma xorta kien deċiż u tela' fuq il-pulptu u bl-għajnuna ta' l-arċipriet libbes għall-aħħar darba l-vara titulari.

Permezz ta' dawn l-erba' kelmiet Toni, aħna nroddulek ħajr ta' dak kollu li għamilt għall-ġid tal-komunità Bormliża u ċertissimi li minn ħdejn dik li int dejjem ħabbejt inti tħarisna; aħna nitolbu għalik u nsellmulek.

Grazzi Toni Grech.